# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1924

## tas-26 ta' Ottubru 2015

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK ([1]).

(2) Persuna deċeduta għandha titneħħa mill-Annessi I u II għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK huma emendati skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

*ANNESS*

I. Fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, l-entrata għall-persuna fiżika li ġejja titneħħa mit-taqsima "I. Persuni":

| Isem (u psewdonomi possibbli) |
|---|
| 51. MIDZI, Amos Bernard (Mugenva) |

II. Fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, l-entrata għall-persuna fiżika li ġejja titneħħa mit-taqsima "I. Persuni":

| Isem (u psewdonomi) |
|---|
| 41. MIDZI, Amos Bernard (Mugenva) |